**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 31 ta` Ottubru 2017**

**Kawza Nru.**
**Rik. Gur. Nru. 425/07 JZM**

**Paul Magri ID Card 928950M u martu Giovanna ID Card 499053M**

***kontra***

**Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, Kunsill Lokali Qormi**

***u***

**b`digriet tat-30 ta` Settembru 2014 gie kjamat fil-kawza l-Kummissarju tal-Artijiet**

***u***

**b`digriet tat-3 ta` Lulju 2017 l-isem "Kummissarju tal-Artijiet" gie sostitwit bl-isem gdid "L-Awtorita` tal-Artijiet"**

***u***

**b`digriet tad-19 ta` Frar 2015 gie kjamat fil-kawza l-Kunsill Malti ghall-Isport**

***u***

**b`digriet tat-28 ta` Settembru 2017 l-isem "il-Kunsill Malta ghall-Isport" kien sostitwit bl-isem "SportMalta"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fit-12 ta` April 2007 li jaqra :–

*1. Illi huwa proprjetarju tal-art li tinsab f`Hal Qormi, indikata fuq il-pjanta annessa, Dokument A, li tinsab fi Triq Valletta, u kif tizbokka Triq il-Merill, liema art hija essenzjali u ghadha ghan-negozju tal-atturi.*

*2. Illi ftit taz-zmien ilu l-Kunsill Lokali qabad u ha l-art in kwistjoni u ghamel, u ghadu jaghmel uzu minnha, jew ghaddieha lil haddiehor biex jaghmel uzu minnha. Dak iz-zmien kienet saret oppozizzjoni ghal dak l-agir, imma xorta l-Kunsill Lokali konvenut baqa` ghaddej bil-progett tieghu. Ghall-ewwel l-esponenti kien jahseb li kellu ghall-inqas il-kopertura tal-ligi, u li l-art in kwistjoni kien qed jehodha legalment il-gvern. Meta kiteb lill-Kummissarju tal-Artijiet, gie infurmat li l-art bl-ebda mod ma kienet tal-gvern jew qed tigi espropprijata regolarment.*

*3. Illi ghall-ewwel l-esponenti haseb li l-art kienet se tigi esproprjata, imma meta beda ghaddej iz-zmien u ma sar xejn huwa fittex mad-Dipartiment tal-Artijiet li kienu gharrfuh li l-art mhix tal-gvern u li ma kien hemm l-ebda intenzjoni li tigi esproprjata. Dawn il-fatti jilledu d-dritt ta` proprjeta` tal-atturi protetti mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea.*

*4. Illi fit-18 ta` Jannar, 2007, l-esponenti baghat ittra ufficjali lill-Kunsill Lokali Qormi kif ukoll ghal kull buon fini lill-Kummissarju tal-Artijiet. Waqt li l-Kummissarju tal-Artijiet talab aktar informazzjoni, il-Kunsill Lokali ma wegibx, u ghalhekk qed issir din il-kawza ghall-izgumbrament tal-Kunsill Lokali minn fuq l-art in kwistjoni.*

***Kawzali***

*Peress li l-Kunsill Lokali ta` Qormi ftit taz-zmien ilu qabad u ha taht idejh l-art tal-atturi li tinsab f`Qormi, li tinsab fi Triq Valletta, u kif tizbokka Triq il-Merill, kif indikata mdawra bl-ahmar fl-annessa pjanta dokument A.*

*Peress li ma kien hemm l-ebda esproprjazzjoni skont il-ligi dwar l-istess art, u ghalhekk il-Kunsill Lokali qed jokkupa l-art minghajr ebda titlu validu fil-ligi, u l-agir tal-konvenuti nomine jikkostitwixxi ksur tal-jeddijiet tal-atturi ghall-proprjeta` protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, it-tnejn ligijiet ta` Malta.*

*Peress li l-atturi sofrew danni b`okkupazzjoni illegali tal-Kunsill konvenut, liema danni l-atturi ghandhom jigu risarciti ghalihom.*

***Talbiet***

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u moghti kull provvediment opportun, inkluz jekk hemm bzonn li l-agir tal-konvenuti huwa leziva ghad-dritt tal-proprjeta` tal-atturi skont il-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea,*

*(1) Tordna l-izgumbrament tal-konvenuti in rapprezentanza tal-Kunsill Lokali Qormi mill-art f`Qormi, Valletta Road faccata ta` Triq il-Merill, kif delineata fl-anness pjanta dokument A, u bl-ordni li jitnehhew kull haga, mobbli jew immobbli li ghamlu abbuzivament l-istess konvenuti nomine, u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat.*

*B`rizerva ghad-danni subiti sal-effettiv rilaxx tal-istess proprjeta`.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti nomine ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti Sindku u Segretarju Ezekuttiv - Kunsill Lokali Qormi, fil-21 ta` Mejju 2007 li taqra hekk :–

*1) Illi fl-ewwel lok, l-intempestivita` tal-azzjoni stante li mill-mod kif gew impostati l-premessi, jidher li r-rikorrenti jridu li l-Awtoritajiet jixtru u jakkwistaw l-art in kwistjoni pero` minn imkien ma jidher li interpellaw lill-Awtoritajiet jaghmlu dan u dan bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-ligi senjatament tal-Artiklu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2) Illi fit-tieni lok, tigi eccepita l-inkompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti ratione materiae, stante li qed issir talba ta` natura kostituzzjonali senjatament fejn qed jintalab li l-intimati kissru d-dritt tal-proprjeta` skont il-Kostituzzjoni u l-Artiklu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*3) Illi fit-tielet lok, it-talba ghal dikjarazzjoni ta` ksur ta` drittijiet fundamentali qed issir kontra l-principju stabbilit li r-rimedju kostituzzjonali ghandu jsir wara li jigu ezawriti r-rimedji kollha opportuni skont il-ligi ordinarja.*

*4) Illi t-talbiet maghmula mir-rikorrent attur mhumiex cari u proceduralment irritwali.*

*5) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit, il-Kunsill Lokali Hal Qormi mhuwiex il-legittimu kontradittur u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u konsegwentement l-intimati konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*6) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq eccepit, l-attur ghandu jipprova t-titlu tieghu.*

*7) Illi fil-mertu jigi eccepit, li l-Kunsill Lokali ta` Hal Qormi, qieghed jamministra l-art mertu tal-kawza ghan-nom tal-gvern centrali u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal liema ghandha ssir il-kjamata fil-kawza tal-istess.*

*8) Illi l-Kunsill Lokali ta` Hal Qormi dejjem wettaq ix-xoghlijiet ta` amministrazzjoni tal-art mertu tal-kawza bl-approvazzjoni tal-gvern centrali.*

*9) Illi l-ewwel xoghlijiet li saru fl-art mertu ta` din il-kawza saru mill-gvern centrali qabel ma kienet ghaddiet il-ligi tal-Kunsilli Lokali.*

*10) Illi l-Kunsill Lokali intimat inghata l-inkarigu tal-amministrazzjoni mid-Dipartiment tal-Agrikoltura u diversi xoghlijiet saru mid-Dipartiment tal-Ambjent u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*11) Illi l-esponent jaf il-fatti esposti personalment.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-kjamat fil-kawza Kummissarju tal-Artijiet fid-<u>19 ta` Novembru 2014</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament il-Kummissarju tal-Artijiet, kif del resto anke ammess mill-attur u l-konvenut, la jippossedi, jamministra, jokkupa jew b`xi mod iehor ippermetta lil terz l-uzu, okkupazzjoni, titlu jew amministrazzjoni fuq l-art u ghalhekk ghandu jinheles mill-osservanza tal-gudizzju ;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost sabiex tirnexxi din il-kawza u fi kwalunkwe kaz l-attur ghad irid jipprova t-titlu li qieghed jivvanta fuq l-art in kwistjoni ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-art kollha indikata mill-attur ma tista` qatt tkun ikkunsidrata bhala proprjeta` tal-istess attur u*

*dan billi l-istess attur kellu obbligu li jaghti parti mill-proprjeta` ghall-formazzjoni ta` triq pubblika u skedata mill-MEPA ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jirrizulta li apparti l-intimat li ezegwixxa xi xoghlijiet fl-art in kwistjoni, Transport Malta u l-Kunsill Malti ghall-Isport ghandhom interess dirett u possibilment qed jokkupaw u/jew jamministraw l-art mertu tal-kawza odjerna ;*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-kjamat fil-kawza Kunsill Malti ghall-Isport ipprezentata fit-3 ta` Gunju 2015 li taqra hekk :–

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghhom, u dan ghas-segwenti ragunijiet.*

*1. Li preliminarjament, tigi umilment eccepita n-nullita` tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, stante li mhux car fuq liema binarju/i legali huwa bbazat, liema fatt ipoggi lill-esponent fi pregudizzju ghal dik li hija d-difiza tieghu.*

*2. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost izda wkoll fuq bazi preliminari, stante n-natura kostituzzjonali tal-kontenut tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, tigi umilment eccepita n-nuqqas ta` kompetenza rationae materiae ta` din l-Onorabbli Qorti.*

*3. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost izda wkoll fuq bazi preliminari, stante n-natura kostituzzjonali tal-kontenut tar-rikors guramentat tar-rikorrenti, tigi umilment eccepita l-intempestivita` tat-talba rikorrenti minhabba l-ezistenza ta` rimedji ohra fil-ligi li r-rikorrenti ma uzufruwewx ruhhom minnhom.*

*4. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost izda wkoll fuq bazi preliminari, jigi umilment eccepit li l-Kunsill esponent mhux il-legittimu kontradittur, stante li l-Kunsill esponent ma ghandu l-ebda jedd u/jew obbligu qua sid, possessur u/jew amministratur fuq is-sit mertu tal-proceduri odjerni. Permezz tal-Att Legali 33 tal-2013, intitolat l-Ordni tal-2013 dwar il-Kunsill Malti ghall-Isport (Trasferiment ta` Proprjeta` Assenjata), kopja ta` liema hija annessa u mmarkata Dok. KMS1, il-proprjeta` deskritta fl-Artiklu 4 tal-istess Att Legali kif delineata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mal-istess Att Legali giet trasferita u vestita fil-Kunsill esponent. Sussegwentement, il-Kunsill esponent kien alloka l-istess proprjeta` lill-Qormi Football Club ghal skopijiet sportivi. Jirrizulta izda li s-sit mertu tal-proceduri odjerni mhux dak li ghalih jirreferi l-Att Legali 33 tal-2013 u li gie allokat mill-Kunsill esponenti lill-Qormi Football Club, izda huwa sit adjacenti ghall-istess proprjeta`.*

*5. Li minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghandhom igibu prova tat-titlu taghhom fuq is-sit mertu tal-proceduri odjerni.*

*6. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota b`dokument li pprezentaw l-atturi fl-udjenza tat-3 ta` Ottubru 2007, u d-dikjarazzjoni taghhom, illi l-procediment tal-lum kien kawza "ordinarja" ta` kompetenza tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili.

**Rat id-digriet li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-udjenza tad-9 ta` Novembru 2007 fejn kien mahtur il-Perit Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex jidentifika l-art de qua in relazzjoni mal-pjanta li kienet esebita mal-kuntratt li pprezentaw l-atturi fit-3 ta` Ottubru 2007.**

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Rat is-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza Nru 959/2008/1 fl-ismijiet inversi.

Semghet ix-xiehda ta` Charles Camilleri fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2012 u rat id-dokument li pprezenta.

Rat il-verbal tal-access kondott minn din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta` Gunju 2012.

Semghet ix-xiehda ta` l-Av. Angele Vella u ta` Cleavon Vella fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2013, u rat id-dokument li pprezenta l-ahhar xhud.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Kenneth Brincat u d-dokumenti li kienu annessi.

Semghet ix-xiehda ta` Pio Farrugia fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 u rat id-dokumenti li pprezenta x-xhud.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-20 ta` Gunju 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet.

**Rat is-sentenza li tat fit-30 ta` Settembru 2014 fejn kienu decizi l-ewwel hames eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuti filwaqt li kien ikkjamat fil-kawza l-Kummissarju ta` l-Artijiet.**

Semghet ix-xiehda ta` Peter Mamo (Kummissarju ta` l-Artijiet) fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2015.

**Rat id-digriet li tat fis-16 ta` Gunju 2015 fejn rega` nghata nkariku gdid lill-Perit Valerio Schembri.**

**Rat id-digriet li tat fit-22 ta` Dicembru 2015 fejn kien mahtur surveyor sabiex jassisti lill-perit tekniku.**

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri.

Semghet ix-xiehda tal-perit tekniku fl-udjenza tad-19 ta` Gunju 2017.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar fl-udjenza tat-3 ta` Lulju 2017.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

### 1. Xiehda

**Charles Camilleri** mid-Dipartiment tal-Artijiet xehed illi fis-6 ta` Gunju 2001 id-Dipartimet kien ircieva informazzjoni li kienet se ssir applikazzjoni biex isir ground zghir tal-futbol go Hal-Qormi. Bhala prassi, id-Dipartiment ma jikkummentax qabel johrog il-permess. Fis-7 ta` Settembru 2001 hareg il-permess. Fl-4 ta` Ottubru 2001 intalbet kopja tal-permess. Fit-18 ta` Frar 2002, id-Dipartiment kiteb lill-kunsill lokali ta` Hal-Qormi biex jekk iridu l-art kellhom jaghmlu talba permezz tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Id-Dipartiment informa lill-kunsill lokali li l-art li dwarha saret l-applikazzjoni kienet in parti tal-Gvern u in parti tal-privat.

Ipprezenta pjanta fejn immarka liema kienet il-parti tal-art li kienet proprjeta` tal-Gvern, liema kienet il-parti proprjeta` tal-privat, u liema kienet il-parti fejn kien ser isir l-izvilupp mill-kunsill lokali.

Kompla jixhed illi kienet inqalghet kwistjoni ghaliex xi hadd kien ifforma triq minn gol-proprjeta` privata meta ma kienx hemm esproprjazzjoni. Il-privat dehrlu li kellu jaghlaq it-triq ghax kienet proprjeta` tieghu, izda xi hadd kien ipprotesta dwar dan u d-Dipartiment tal-Artijiet wiegeb li min-naha tieghu ma seta` jaghmel xejn ghax dik il-parti ta` l-art ma kinetx proprjeta` tal-Gvern. Id-Dipartiment ta struzzjonjiet lis-sid tal-art li kellu jittella` hajt bejn l-art tieghu u dik tal-Gvern wara li kien identifikat bil-preciz liema kienet l-art tal-Gvern.

Qal illi ma jafx min kien is-sid privat billi ma kienx ra kuntratti.

Fil-**kontroezami,** stqarr li huwa ma kellu l-ebda notamenti dwar x`kien hemm fl-art in kwistjoni qabel saret l-applikazzjoni mal-MEPA. Ikkonferma li meta jkun xi dipartiment tal-Gvern li ser jaghmel xogholijiet, gieli jitlob permess u gieli le ghax tkun kwistjoni interna ghall-Gvern. Ma kellux notamenti dwar meta giet iffurmata t-triq u minn min.

**Cleavon Vella** mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali xehed b`riferenza ghad-devoluzzjoni ta` propjeta`.

Stqarr illi abbazi tas-site plan li nghata d-Dipartiment, ma jirrizultax li qatt kien hemm devoluzzjoni tal-art li tidher fis-site plan. Skond verifiki li ghamel mat-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern, irrizulta li l-art murija bl-isfar fil-pjanta ma kinetx allokata lill-kunsill lokali ta` Hal-Qormi.

Kompla jixhed illi meta kunsill lokali japplika ghal devoluzzjoni, l-applikazzjoni tasal ghand id-Dipartiment li mbaghad ighaddiha lit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern. Min-naha tieghu, dan tal-ahhar jinvestiga jekk il-propjeta` tkunx tal-Gvern inkella le, u jekk tistax tigi devoluta lill-kunsill lokali nkella le. Min-naha tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, it-talba tal-kunsill koncernat tigi evalwata skont il-qaghda finanzjarja tieghu. Jekk jirrizulta li l-qaghda finanzjarja tkun tajba, allura d-Dipartiment jaghti l-approvazzjoni tieghu biex it-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern tipprocedi. Id-decizjoni finali tittiehed mit-Taqsima Proprjeta` tal-Gvern.

Fil-**kontroezami,** stqarr illi ma setax ighid jekk il-manutensjoni tas-sit in kwistjoni kinetx fdat lill-kunsill lokali ta` Hal-Qormi.

**Kenneth Brincat** - Segretarju Ezekuttiv tal-kunsill lokali ta` Hal-Qormi – xehed illi huwa inghata l-hatra fl-1 ta` April 2012 meta kienet diga` bdiet din il-kawza u wara li l-kunsill lokali ta` Hal-Qormi kien ha passi legali kontra l-attur meta – skont ix-xhud – dan ha l-ligi b`idejh u mbarra t-triq in kwistjoni b`hajt.

Xehed illi mir-records tal-kunsill, irrizulta li sa minn meta twaqqaf il-kunsill, it-triq mertu tal-kawza kienet tintuza bhala triq pubblika b`mod regolari. Minnha kienu jghaddu l-vetturi kif ukoll persuni bil-pass. Biswit it-

triq kien hemm football ground amministrat minn Qormi FC. Mir-records tal-kunsill, irrizulta wkoll li qabel sar dan il-ground, kien hemm gnien li nbena mid-Dipartiment ta` l-Agrikoltura. Ir-responsabbilita` ghall-manutenzjoni tal-gnien kienet ghaddiet ghand il-kunsill lokali ; l-istess ir-responsabbilita` ghall-manutensjoni tat-triq.

Irrefera ghall-aerial photo esebit fejn hemm indikati nodes bin-numri 236B u 404B. Dawn in-nodes huma stabbiliti mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex id-Dipartiment ikun jista` jivverifika jekk il-kunsill lokali ikunx qieghed jaqdi d-doveri tieghu ghar-rigward tal-manutensjoni tat-toroq.

Kompla jixhed illi ladarba l-kunsill lokali konvenut inghata l-inkariku tal-manutensjoni, il-kunsill ha mizuri sabiex iwettaq sewwa l-obbligi assenjati.

Ippreciza li l-kunsill ma ha xejn ta` hadd minn jeddu izda qieghed jamministra dak li ghaddielu il-Gvern Centrali. Il-kunsill m`ghandux jedd li jesproprija, billi dik hija materja ta` kompetenza tal-Gvern Centrali.

**Pio Farrugia** mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali xehed illi l-kunsill lokali konvenut twaqqaf ghall-ewwel darba tard fl-1993. L-assenjazzjoni ta` responsabbilitajiet lill-kunsill kienet gradwali. Beda l-ewwel bir-refuse collection. Fl-1994 il-Gvern Centrali ghamel il-pjan tal-funzjonijiet tal-kunsilli. Fl-1 ta` April 1995, saru l-ewwel kuntratti dwar it-toroq. It-toroq arterjali u distributorji baqghu responsabilita` tal-Gvern Centrali waqt li t-toroq urbani u lokali ghaddew taht ir-responsabilita` tal-kunsilli. Fl-1 ta` April 1995, ghaddew ghand il-kunsilli r-responsabilitajiet ghall-gonna, bajjiet, toroq, u knis tat-toroq. Sal-ahhar tal-2009 kien hemm sezzjoni teknika fit-Taqsima tas-Servizzi li kienet taghmel spezzjonijiet tat-toroq u gonna. Wara kien isir rapport li jigi prezentat fil-Parlament.

Huwa kellu kopja ta` rapport li kien sar dwar il-gonna ta` Hal-Qormi, inkluz il-gnien ta` hdejn ic-Cimiterju. Fl-20 ta` Dicembru 2000 il-gnien kien qieghed jinbena. Ghar-rigward tat-toroq, kien hemm *geographical information system* fejn kienu senjalati dawk it-toroq li kienu ghaddew ghand il-kunsilli lokali. Dawn kienu jinghataw fondi mill-Gvern Centrali sabiex issir il-manutensjoni tat-toroq. Meta sar il-*migration plan*, id-Dipartiment ma dahalx fi kwistjonijiet ta` titolu jew ta` esproprjazzjoni.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** stqarr illi l-kunsill lokali kellu jiehu hsieb li tinzamm fi stat tajjeb ta` manutensjoni kull triq li ma kinetx proprjeta` tal-privat.

**<u>Peter Mamo</u>** – Kummissarju ta` l-Artijiet – xehed illi huwa beda jokkupa dik il-kariga fil-5 ta` Jannar 2015.

Xehed illi l-art mertu tal-kawza mhijiex tal-Gvern. Ghalkemm ma kinetx saret talba ghall-esproprju izda huwa sar jaf illi kien hemm process ghaddej sabiex il-flus jigu depozitati ghand id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex ikun jista` jsir l-esproprju. Ikkonferma li seta` *ex officio* jesproprja l-art ghalkemm kien aktar rakkomandabbli li ssir talba mill-entita` li riedet taghmel progett pubbliku.

Sostna li fil-kaz tal-lum, it-talba kellha ssir mill-Kunsill Malti ghall-Isport. It-talba kellha tkun akkumpanjata b`depozitu ta` flus sabiex jithallas is-sid tal-art wara li jkun ghamel il-prova tat-titolu. Il-fondi jinhargu mill-entita` li taghmel it-talba ghall-esproprju. Din il-prassi kienet ilha tezisti mill-1996 wara li kienet harget *ministerial directive* f` dak is-sens.

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, stqarr illi ladarba l-art in kwistjoni kienet ghadha mhux esproprjata, kien ghadu ma sarx l-ezercizzju sabiex jigi stabbilit jekk l-atturi kinux is-sidien ta` l-art. Dak l-ezercizzju jsir meta ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-avviz tal-esproprjazzjoni. Meta johrog l-avviz, l-atturi jkunu jistghu jaghmlu t-talba, jaghtu prova tat-titolu, u wara li ssir verifika mid-Dipartiment, jithallsu kumpens.

Kompla jghid illi fil-kaz tal-lum, sabiex jibda l-process ta` esproprjazzjoni, kellha ssir talba mill-Kunsill Malti ghall-Isport. Skont il-ligi, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni tal-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern, iridu jigu depozitati l-flus go kont bankarju.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** ikkonferma li l-art mertu tal-kawza ma kinitx proprjeta` tal-Gvern fl-2007. Spjega li Hal Qormi mhuwiex *land registration area* u ghalhekk id-Dipartiment ma ghandux indikazzjoni ta` min hi l-art. Fl-2013 hareg avviz legali fejn l-art li fuqha hemm il-*football ground* flimkien ma` l-art adgjacenti kienet devoluta lill-Kunsill Malti ghall-Isport. Spjega li l-parti ta` l-art li hija proprjeta` tal-Gvern ghaddiet kollha ghand il-Kunsill Malti ghall-Isport. Biex il-*ground* isir proprjeta` pubbliku, irid isir l-

esproprju ta` l-art. Bl-espropriju, in-nofs tat-triq fuq dik in-naha trid tigi wkoll esproprjata mentri n-nofs l-iehor peress li hemm hajt li ttella` mill-atturi ghandu jithallas minnhom. Ma kellux informazzjoni dwar min ghamel zvilupp tal-art tal-privat.

**2. <u>L-access</u>**

Din il-Qorti ghamlet access fis-sit in kwistjoni fid-19 ta` Gunju 2012.

L-atturi wrew l-art li l-atturi jippretendu li hija taghhom.

Il-Qorti rat it-toroq li jmissu maghha kif ukoll rat dik il-parti ta` l-art li l-atturi jallegaw li hija taghhom u li tinsab ghand il-kunsill lokali ta` Hal-Qormi.

Fejn l-art tizbokka ghal Triq il-Belt Valletta kien hemm gaffa li tqeghdet mill-atturi. Bil-gaffa fil-post fejn tinsab, l-access ghal Triq il-Belt Valletta huwa mblokkat.

**3. <u>L-ewwel relazzjoni tal-perit tekniku</u>**

Fil-kors tal-kawza, il-perit tekniku Perit Valerio Schembri pprezenta zewg rapporti.

**a) <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Fl-ewwel rapport, saru dawn il-konsiderazzjonijiet :-

> *01. Primarjament, l-esponent ha konjizzjoni tal-pjanta a fol 21 tal-process li hija kopja tal-pjanta annessa mal-kuntratt tas-26 ta` Gunju 1987 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel.*
>
> *02. L-esponent ha konjizzjoni wkoll tas-site plan annessa a fol 20 tal-process u jirrileva li mill-*

*konstatazzjonijiet li saru in situ jirrizultalu illi llum is-sitwazzjoni hija differenti minn kif jidher fuq l-istess pjanta formanti parti mill-process.*

*03. In vista ta` dak li jirrizulta mill-paragrafu precedenti supra, l-esponent hejja Dok A u Dok B li huma site plans aggornati li jirrispekkjaw is-sitwazzjoni li tezisti in situ llum u cioe` meta saru l-access relattivi fil-mertu tal-kawza.*

*04. Meta wiehed jaghmel extrapolation jew ahjar superimposition tal-konfigurazzjoni rizultanti mill-pjanta a fol 21 tal-process.*

*05. L-esponent jaghmel referenza ghal Dok B anness ma` dan ir-rapport fejn bil-kulur blu qed tigi murija l-area li fil-prezent hija okkupata mill-pitch tal-football liema area tidher li kienet taghmel parti mill-art murija bl-ahmar fuq Dok A u cioe` l-art ddelinjata mill-pjanta a fol 21 tal-process.*

*06. Mill-pjanti jirrizulta illi l-area allegatament uzurpata jew li qed isir uzu minnha u li kienet tifforma parti mill-konfigurazzjoni murija fuq il-pjanta a fol 21 ta-process tammonta ghal madwar mija hamsa u tletin metri kwadri (135 m.k.).*

*07. Jigi rrilevat li din il-figura l-esponent jasal ghaliha a bazi biss ta` pjanti u sabiex tigi stabbilita bi precizjoni, ikun jehtieg illi l-esponent ikun assistit minn land surveyor. Jidher pero illi l-iskop tan-nomina ta` l-esponent f` dan l-istadju kien biss sabiex tigi identifikata l-art mal-pjanta ezebita u jsegwi li ma kienx opportun u dan a skans ta` spejjez inutli fuq il-kawza illi jsir survey f` dan l-istadju.*

**b) <u>Konkluzjonijiet</u>**

Il-perit tekniku jikkonkludi illi :-

*L-pitch tal-football li allegatament huwa ammistrat mill-Kunsill Lokali Qormi qed jokkupa circa mija*

*hamsa u tletin metru kwadru (135 m.k.) mill-art li l-konfigurazzjoni taghha hija ndikata fuq il-pjanta a fol 21 tal-process u cioe` kopja tal-pjanta annessa mal-kuntratt tas-26 ta` Gunju 1987 fl-atti tan-Nutar Gerard Spiteri Maempel."*

## 4. **<u>It-tieni relazzjoni tal-perit tekniku</u>**

Fit-tieni rapport, il-perit tekniku jaghmel dawn il-kostatazzjonijiet :-

*01. A bazi tas-survey li sar in situ mis-surveyor innominat sabiex jassisti lill-Perit tekniku l-esponent hejja Dettall XX tal-pjanta Dok A li qed jigi anness mar-relazzjoni odjerna.*

*02. Meta l-esponent ghamel ezercizzju li fih qabbel dan is-survey fuq Dettall XX tal-pjanta Dok A li juri fedelment x` jezisti in situ mal-pjanti ta` fol 105 u 199 tal-process u cioe` l-pjanti li jissemmew fid-digriet tan-nomina tieghu, jirrizultalu illi l-pjanta a fol 105 tal-process hija aktar verosimili ma dak li jezisti in situ. Ghal din ir-raguni l-esponent talab li tali pjanta tigi esebita fil-forma digitali, liema talba giet milqugha mill-Onorabbli Qorti bid-digriet taghha tal-04 ta` Ottubru 2016.*

*03. Nhar is-06 ta` Dicembru 2016 l-esponent irtira l-pjanta a fol 105 tal-process ipprezentata mill-Kummissarju tal-Artijiet fil-verzjoni ACAD u fuq CD. A bazi ta` l-istess verzjoni u anke tas-survey li kien sar in situ l-esponent hareg il-marki fuq il-post hekk kif jirrizulta minn Dettall YY tal-pjanta Dok B annessa mar-relazzjoni odjerna. L-istess punti li jidhru fuq Dettall YY tal-pjanta Dok B gew iffotografati u l-istess ritratti qed jigu ezebiti QRM 0101 sa QRM 0144 mar-rapport odjern.*

*04. L-esponent qieghed in oltre jesebixxi Dok C, fejn minn Dettall ZZ jirrizulta illi l-parti murija bil-kulur blu ghandha kejl ta` circa mija u dsatax punt tmienja tnejn metri kwadri (119.28 m.k.) Ghaldaqstant qed jigi stabbilit li dan huwa l-kejl ta` l-art li fil-pjanta a fol 105 tal-process hija ggradiljata u fil-pjanta a fol 199 tal-process tinsab fil-kantuniera tax-xellug ta` fuq, thares minn faccata.*

*05. Ghal dak li jirrigwarda l-isqaq immarkat bl-orangjo fuq il-pjanta a fol 105, l-esponent jirrileva li din l-istess parti qed tigi muriija bil-kulur orangjo wkoll fuq Dettall ZZ tal-pjanta Dok C liema parti qed jigi stabbilit li ghandha kejl ta` circa tnejn u disghin metru kwadu punt sitta sebgha (92.67 m.k.).*

*06. In linea mad-digriet ta` l-Onorabbli Qorti tal-11 ta` April 2016 l-esponent wara li identifika l-art in kontestazzjoni hekk kif jirrizulta mill-paragrafi fis-suespost u ezamina l-process. Mill-atti relevanti jirrizultalu b` mod tekniku illi l-art mertu tal-kawza u cioe` l-partijiet murija blu u orangjo fuq Dettall ZZ tal-pjanta Dok C tappartjeni lill-atturi, dan dejjem salv kull konsiderazzjoni legali li ma taqax fil-kompitu ta` l-esponent u li tista` timpingi b` xi mod jew iehor, fuq din l-istess konkluzzjoni.*

## 5. <u>L-esekussjoni</u>

Il-perit tekniku wiegeb ghal domandi in eskussjoni.

Ikkonferma li l-art murija bil-kuluri blu u orangjo hija proprjeta` ta` l-atturi.

Spjega li huwa ma hax in konsiderazzjoni l-kontribuzzjoni li kellu jaghmel l-attur ghall-formazzjoni tat-triq.

Sostna li l-parti orangjo kollha hija l-parti tat-triq u tigi mal-wied.

Ikkonferma li l-parti ndikata bil-kulur blu qeghda fil-*football ground*.

## III. <u>L-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet tal-Kunsill Malti ghall-Isport illum SportMalta</u>

Dawn l-eccezzjonijiet inghataw in linea preliminari.

Il-Qorti tghid mill-ewwel illi dawn l-eccezzjonijiet setghu kienu evitati li kieku l-Kunsill Malti ghall-Isport ha konjizzjoni jew tas-sentenza ta` din il-Qorti tat-30 ta` Settembru 2014 jew tal-verbal tal-atturi tat-3 ta` Ottubru 2007 fejn kien dikjarat mill-atturi illi l-kawza tal-lum ma kinitx ta` natura kostituzzjonali.

Anke ghall-fini tal-konsiderazzjoni ta` dawn l-eccezzjonijiet, il-Qorti tirriafferma dak li qalet fis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2014 :-

> *"In vista ta` dikjarazzjoni hekk cara u netta da parti tal-atturi, il-Qorti hija tal-fehma li dan tal-lum mhuwiex aktar kaz fejn qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tat-talba vera u proprja tal-atturi tippronunzja ruhha dwar jekk l-agir tal-konvenuti kienx leziv inkella le ghall-jeddijiet ta` l-atturi kif tutelati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Ladarba l-eccezzjonijiet in kwistjoni evidentement inghataw minhabba l-occorrendo li ppreceda t-talba attrici, mhuwiex aktar il-lok li din il-Qorti taghtihom aktar konsiderazzjoni. In ultima analisi, dan ifisser illi l-unika talba li din il-Qorti trid tiddeciedi hija proprju l-izgumbrament tal-konvenuti noe mill-art f` Qormi, Valletta Road faccata ta` Triq il-Merill, kif delineata fil-pjanta Dok A."*

**Il-Qorti qeghda tichad l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet tal-Kunsill Malti ghall-Isport illum SportMalta.**

## IV. L-azzjoni

Huwa risaput li n-natura u l-indoli ta` azzjoni jirrizultaw mir-rikors guramentat (ara d-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Jannar 2003 fil-kawza "**Capua Palace Limited vs Boris Arcidiacono**").

Fid-decizjoni li tat fit-23 ta` Gunju 2004 fil-kawza "**Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit**", il-Qorti ta` l-Appell irriteniet illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri (**Kollez. Vol. XLII.I.86**). Inghad ukoll illi l-kawzali tad-domanda ossija r-raguni guridika tat-talba, oltre li ghandha tigi mfissra car u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u ghalhekk il-Qorti ghandha toqghod

ghat-talba kif tkun giet mfissra fl-att tac-citazzjoni (**Kollez. Vol. XXXIV.I.85**). Il-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor oltre minn dak li jkun irrizulta mic-citazzjoni, anke ghaliex, kif ritenut, "mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni" (**Kollez. Vol. XLVIII.II.777**) [ara wkoll : Qorti tal-Appell : 11 ta` Frar 2004 : **Gaetano Farrugia et vs Philip Magri et**].

Fid-decizjoni li tat fid-19 ta` Frar 2004 fil-kawza "**Frank Pace et vs Kummissarju ta` l-Artijiet**" din il-Qorti diversament presjeduta kienet cara meta esprimiet ruhha fis-sens illi l-azzjoni jaghzilha l-attur u mhux il-parti mharrka u mhuwiex imholli ghall-parti mharrka li tissuggerixxi x` azzjoni messu ressaq l-attur. Huwa fuq l-azzjoni hekk kif proposta mill-attur li l-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x` azzjoni seta` jew messu ressaq l-attur (ara wkoll id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-20 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**Emmanuel A. Bonello noe vs Francis Fenech**").

## V. L-azzjoni ta` rivendika

Fl-azzjoni ta` rivendika, l-elementi essenzjali ta` l-azzjoni huma t-talba ghal dikjarazzjoni ta` dominju jew proprjeta` tal-persuna li tipproponi l-azzjoni, u talba sabiex il-konvenut possessur jaghti lura l-pussess ta` l-propjeta` lil min jezercita l-azzjoni.

Fis-sentenza li tat fil-21 ta` Marzu 2002 fil-kawza "**Aluminium Limited vs Earli Limited et**" din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk :-

> *"L-azzjoni rei vindicatoria hi azzjoni reali li ghandha bhala ogget taghha r-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` tal-attur u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata …*
>
> *L-estremi ta` din l-azzjoni huma a) id-dominju jew proprjeta` f` min jezercita l-azzjoni – l-attur; u b) il-pussess tal-haga li trid tigi rivendikata ghand dak li kontra tieghu tigi ezercitata dik l-azzjoni – il-konvenut."*

(ara wkoll is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-28 ta` Mejju 2003 fil-kawza "**Joseph Demanuele et vs Saviour Bonnici**").

Is-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-kawza "**Maria Grech et vs Carmel sive` Carmel Bajada**" kienet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha taghha tas-26 ta` Marzu 2010.

Fis-sentenza tal-ewwel istanza, kien imfisser hekk :-

> *"Illi permezz ta` din il-kawza l-atturi qeghdin ifittxu li jizgumbraw lill-konvenut minn bicca raba li jikkontendu li tappartjeni lilhom u li fil-fehma taghhom il-konvenut qieghed jokkupa minghajr ebda titolu. Fin-nota tal-osservazjonijiet taghhom l-atturi jsostnu illi min-natura tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, din il-kawza tista` titqies bhala wahda rivendikatorja. Dan ghaliex fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li l-atturi ghandhom qabel xejn jippruvaw it-titolu taghhom u fin-nuqqas ghandu jithalla fil-pussess taghha. Imma kif tajjeb jindika l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tieghu, "l-elementi essenzjali ta` azzjoni ta` rivendika gew delinjati li jinkludu talba ghal dikjarazzjoni ta` dominju jew proprjeta` f`min jezercita l-azzjoni, kif ukoll talba biex il-konvenut possessur jaghti l-pussess ta` din il-proprjeta` lil min jezercita l-azzjoni." Jekk tonqos xi wahda minn dawn it-talbiet, l-azzjoni ma tibqax wahda ta` dan it-tip. Fil-kaz in ezami ma nsibux talba biex l-atturi jigu dikjarati s-sidien tal-art in kwistjoni, u allura zgur li hawnhekk m`ghandniex kawza rivendikatorja, imma wahda tipika ta` zgumbrament."*

Dak li johrog kjarament mill-gurisprudenza citata huwa li fil-kawza ta` rivendita ghandu jintalab : a) li jigi dikjarat li l-attur huwa sid tal-proprjeta` in kwistjoni ; u b) li l-konvenut ikun qed jippossjedi dik il-proprjeta`. Jekk ikun hemm bdil fit-talbiet, il-kawza ma tibqax azzjoni ta` rivendika.

## VI. L-azzjoni tal-lum

Fil-kaz prezenti, il-kawzali hi cara bizzejjed ghax tirrizulta mill-premessi u mid-domanda.

L-atturi talbu l-zgumbrament tal-konvenuti mis-sit in kwistjoni.

L-atturi ma ressqux talba sabiex jigu dikjarati proprjetarji ta` l-art delinjata fuq il-pjanta immarkata bhala Dok A ma` l-att promotur.

Talba ta` din ix-xorta hija essenzjali fil-kawza ta` revendika.

Din tal-lum hija kawza ta` zgumbrament, mhux ta` rivendika.

Dan il-fatt huwa evidenti wkoll mill-eccezzjonijiet li nghataw mill-konvenut fil-mertu.

Il-parametri li qeghdu l-atturi ghall-azzjoni taghhom ma jistghux jigu assocjati mal-azzjoni ta` rivendika izda mal-azzjoni ta` zgumbrament. Ghalhekk l-oneru tal-prova jispetta lill-atturi sal-grad tal-probabilita`.

## VII. Il-prova tat-titolu

Kemm il-konvenuti kif ukoll il-kjamati fil-kawza taw l-eccezzjoni illi l-atturi ghandhom jaghmlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.

Sabiex attur jirnexxi f`azzjoni ta` din ix-xorta, huwa ghandu fl-ewwel lok jipprova it-titolu tieghu.

Jekk il-prova ma ssirx, it-talba tkun michuda.

Isir hekk abbazi tal-principju illi s-sid biss jista` jaghmel kawza tax-xorta tal-lum kontra konvenut possessur.

Tajjeb illi jigi rammentat illi l-bazi ta` kull azzjoni civili huwa l-interess guridiku tal-partijiet – attur u konvenut. Dan huwa l-"*point d`interet, point d`action*" .

In linea generali, it-talba ta` l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu. Ghalhekk l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu. Il-funzjoni tal-Qorti huwa li tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u taccerta ruhha mid-drittijiet ta` l-attur sabiex tasal ghal jekk kienx hemm vjolazzjoni ta` jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni.

Fid-decizjoni **Micallef Goggi vs Mifsud** riportata fil-Kollez. Vol. XXVII.I.507 inghad hekk :-

> *"Il primo e precipuo interesse [ta` l-attur] e` di ottenere dal tribunale, come rizultato dell` azione promossa il riconoscimento e l`affermazione del diritto che ne` ha formato il sostrato e ne costituisce anche l`oggetto, e che si allega essere stato leso."*

L-interess guridiku jissarraf fl-utilita` finali li l-ezitu tal-kawza jkollha ghall-attur, billi *li jitnehha l-istat ta` vjolazzjoni tad-dritt almenu opinata u affermata mill-attur* (**Kollez. Vol. XXXVIII.I.300**).

Il-Qorti ghandha tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat.

Ighid **Mattirolo** fil-Para 56 tal-Vol 1 tad-Diritto Giudiziario :-

*"Per istituire un giudizio non basta che un fatto d`altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico."*

Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun intavolata l-azzjoni.

L-attur irid juri illi ghall-esercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti.

Irid juri li mill-kawza sejjer jislet utilita` li hija rikonoxxjuta mil-ligi.

Ighid **Scaloja** fid-Dizionario Pratico del Diritto Privato illi :-

*"L`utilita` che dal gudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l`azione".*

(ara : **"Bartoli vs. Zammit Tabone"** : Kollez. Vol. XLV.I.58).

L-interess irid ikun legittimu fis-sens illi ghandu jkun konformi mad-dritt. Jekk ikun hemm interess izda mhux anke dritt, l-azzjoni ma tkunx tista` tigi tentata (**Kollez. Vol. XXXVII-III-889**). Inoltre l-interess ghandu jissussisti fil-konfront tal-konvenut illi lejh l-attur jaghzel li jindirizza l-azzjoni bhala l-kontraditur tieghu (**Kollez. Vol. XXIV-II-627 ; XLII-II-1032**).

Dan premess, l-interess li trid il-ligi ghandu jirrizulta anke fil-kaz ta` kawzi ta` zgumbrament.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-22 ta` Marzu 1995 fil-kawza "**Guza Spiteri vs Raymond Borg**" fejn inghad hekk :-

> *"L-attrici ghamlet kawza ghall-izgumbrament tieghu, fuq il-bazi li huwa qieghed jokkupa l-istess fond minghajr titolu validu fil-ligi u bla permess taghha. Bhala eccezzjoni preliminari huwa ssottometta li l-attrici ghandha tressaq qabel xejn il-provi rikjesti sabiex jigi stabbilit li hija proprjetarja tal-fond meritu ta` din il-kawza. Dana certament kellu dritt jaghmlu ghaliex bhalma l-konvenut qed jintalab l-izgumbrament tieghu, l-istess ghandu dritt li jkun jaf li min qed jitolbu ghandu dritt li jkun jaf li min qed jitolbu ghandu dritt li jitolbu."*

Fis-sentenza li tat fit-22 ta` April 1993 fil-kawza "**Alfred Fenech et vs Giovanni Fenech et**", il-Qorti ta` l-Appell esprimiet ruhha fis-sens illi ma kinetx sodisfatta illi l-atturi ppruvaw it-titolu taghhom bhala bazi ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-art in kwistjoni. Fis-sentenza kien osservat

illi l-provi dwar it-titolu tal-atturi ghandhom ikunu shah u integri b` mod li jikkonvincu lill-gudikant.

In succint, jista` jinghad illi bhal fil-kaz ta` kull azzjoni ohra, l-attur li jippromwovi azzjoni ta` zgumbrament ghandu jipprova l-interess guridiku tieghu. Ghalhekk ghandu jipprova li huwa s-sid tal-proprjeta` in kwistjoni u li ghalhekk ghandu l-jedd li jitlob it-tkeccija tal-persuna li tkun qeghda tokkupa l-proprjeta` minghajr titolu validu fil-ligi. Fin-nuqqas l-azzjoni ma tkunx tista` tirnexxi.

## VIII. Il-kaz tal-lum

**Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hija sodisfatta li l-atturi ghamlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.**

L-atturi pprezentaw kopja tal-kuntratt ta` l-akkwist ta` l-art flimkien ma` pjanta li kienet annessa mal-kuntratt. Il-kuntratt kien ippubblikat min-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel fis-26 ta` Gunju 1987 (fol 16 sa fol 21).

Fl-ewwel rapport tieghu, il-perit tekniku rrelata fis-sens illi l-*pitch tal-football* kien qed jokkupa 135 metri kwadri mill-art li l-konfigurazzjoni taghha hija ndikata fil-pjanta annessa mal-kuntratt tal-atturi.

Fit-tieni rapport tieghu, il-perit tekniku kkonferma l-konkluzjoni tal-ewwel rapport, din id-darba kkorraborat minn surveyor (ara fol 105 u 199).

**Il-perit tekniku pprepara pjanta mmarkata Dok C fejn indika li l-partijiet murija bil-blu u bl-orangjo huma art li tappartjeni lill-atturi.**

Tajjeb jinghad ukoll li anke Charles Camilleri (mid-Dipartiment tat-Tmexxija ta` l-Artijiet) xehed u pprezenta pjanta fejn indika li l-art mertu ta` din il-kawza kienet proprjeta` tal-privat u mhux tal-Gvern (fol 105).

Inoltre Cleavon Vella, Assistent Direttur – Devoluzzjonijiet – Dipartiment tal-Gvern Lokali – ikkonferma li l-art mertu tal-kawza, u

indikata bl-isfar fuq il-pjanta a fol 127, ma kinitx allokata lill-Kunsill Lokali ta` Hal-Qormi.

Min-naha tieghu, anke l-Kunsill Malta ghall-Isport ukollipprezenta pjanta mar-risposta guramentata a fol 199 fejn, skont il-Kunsill, jirrizulta li l-art li kienet trasferita lilu ma kinetx tikkomprendi jew tinvolvi l-art mertu ta` din il-kawza. Dan ifisser illi anke l-Kunsill mhuwiex jichad il-fondatezza tal-istanza attrici.

L-assjem ta` fatti u cirkostanzi ppruvati juri li l-art in kwistjoni hija proprjeta` ta` l-atturi.

**Ghalhekk qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuti, it-tieni (2) eccezzjoni ta` l-Awtorita` ta` l-Artijiet, u l-hames (5) eccezzjoni ta` SportMalta stante li l-atturi ghamlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.**

Fit-tielet (3) eccezzjoni, l-Awtorita` ta` l-Artijiet teccepixxi li l-art kollha indikata mill-atturi ma tista` qatt tkun ikkunsidrata bhala proprjeta` tal-atturi billi dawn kellhom l-obbligu li jaghtu parti minnha ghall-formazzjoni ta` triq pubblika u skedata mill-MEPA.

Din il-Qorti tghid illi quddiemha ghandha biss talba ghal zgumbrament.

Ma tressqux provi dwar id-daqs ta` art li kellha sservi bhala kontribuzzjoni.

Hemm imbaghad il-posizzjoni li hadet l-Awtorita` fl-udjenza tat-3 ta` Lulju 2017 fejn fis-sostanza ma baqghetx tinsisti fuq il-kwistjoni tal-kontribuzzjoni fil-procediment tal-lum sabiex, jekk ikun il-kaz, tiehu azzjoni ad hoc fi procediment separat.

**Il-Qorti qeghda tichad it-tielet (3) eccezzjoni tal-Awtorita` ta` l-Artijiet.**

## IX. **Responsabbilita`**

### 1. **L-eccezzjonijiet**

**Il-konvenuti** ddefendew l-pozizzjoni tal-kunsill lokali ta` Hal-Qormi billi bis-seba` (7) eccezzjoni, sostna li kien qieghed jamministra l-art mertu tal-kawza ghan-nom tal-Gvern Centrali, tant li talab (u kiseb) il-kjamata fil-kawza tal-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorita` tal-Artijiet).

Fit-tmien (8) eccezzjoni mbaghad il-kunsill lokali eccepixxa illi x-xoghol ta` amministrazzjoni tal-art de qua dejjem twettaq, bl-approvazzjoni tal-Gvern Centrali.

Kompla fid-disa` (9) eccezzjoni jigi eccepit illi l-ewwel xogholijiet fl-art mertu ta` din il-kawza saru mill-Gvern Centrali qabel saret il-ligi tal-Kunsilli Lokali.

Fl-ghaxar (10) eccezzjoni, kien eccepit illi l-kunsill lokali nghata l-inkarigu tal-amministrazzjoni mid-Dipartiment tal-Agrikoltura, u diversi xogholijiet saru mid-Dipartiment tal-Ambjent.

**Il-Kummissarju tal-Artijiet** (illum l-Awtorita` ta` l-Artijiet) eccepixxa fl-ewwel (1) eccezzjoni illi la jippossedi, la jamministra, la jokkupa u lanqas b`xi mod iehor ippermetta lil terzi l-uzu, okkupazzjoni, titolu jew amministrazzjoni ta` l-art in kwistjoni. Ghalhekk kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Fir-raba` (4) eccezzjoni kien eccepit illi apparti l-intimat li ezegwixxa xi xogholijiet fl-art in kwistjoni, Transport Malta u l-Kunsill Malti ghall-Isport ghandhom interess dirett u possibilment qed jokkupaw u/jew jamministraw l-istess art.

**Il-Kunsill Malti ghall-Isport** (illum SportMalta) iddefenda l-posizzjoni tieghu bir-raba` (4) eccezzjoni fejn eccepixxa li ma kienx il-legittimu kontradittur tal;-atturi, stante li ma kellu l-ebda jedd u/jew obbligu qua sid, possessur u/jew amministratur fuq is-sit mertu ta` din il-kawza.

## 2. Risultanzi

### a) Il-Kunsill Malti ghall-Isport (illum SportMalta)

Mar-risposta guramentata, il-Kunsill Malti ghall-Isportipprezenta kopja tal-Avviz Legali 33 tal-2013 (fol 198 u 19).

Fl-Art 4 tal-Avviz Legali, hemm indikata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mal-Avviz Legali l-art li kienet trasferita lill-Kunsill Malti ghall-Isport.

In segwitu. Il-Kunsill alloka l-art lill-Qormi F.C. ghal skopijiet sportivi.

Madanakollu, is-sit mertu tal-kawza tal-lum mhuwiex dak li jirreferi ghalih l-Avviz Legali 33 tal-2013. Fil-fatt huwa sit li jinsab adjacenti ghall-art li kienet allokata lill-Qormi F.C. kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-perit tekniku.

Ghalhekk tassew illi l-Kunsill Malti ghall-Isport mhuwiex legittimu kontradittur tal-atturi peress li l-art mertu ta` din il-kawza qatt ma kienet fil-pussess tal-Kunsill, kontra dak li sostna l-Kummissarju tal-Artijiet.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Kunsill Malti ghall-Isport (illum SportMalta) kif espressa fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fis-sens li SportMalta ghaddiet lill-kunsill lokali ta` Hal-Qormi dik l-art biss li giet mghoddija lilha.

Minn imkien ma rrizulta li SportMalta hadet xi art ohra jew li ghaddiet lill-kunsill lokali aktar art minn dik li nghatat lilha.

Tajjeb jinghad illi fiz-zmien indikat mill-atturi bhala dak li fih kienu spussessati mill-art, il-Kunsill Malti ghall-Isport ma kienx ghadu nghata l-art adjacenti ghall-art tal-atturi u cioe` fl-2013.

### b) Il-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorita` tal-Artijiet)

Il-kunsill lokali ta` Hal-Qormi ddefenda l-posizzjoni tieghu billi sostna li r-rwol tieghu kien dak biss ta` amministratur ta` art devoluta mill-Gvern. Kien ghalhekk illi talab (u kiseb) il-kjamata fil-kawza tal-Kummissarju tal-Artijiet.

Dan premess, mill-assjem tal-provi, irrizulta li l-Kummissarju tal-Artijiet qatt ma ressaq pretensjonijiet dwar l-art in ezami. Anzi sahaq illi l-art ma kinetx proprjeta` tal-Gvern. La qatt ma kien fil-pussess ta` l-art, la qatt amministraha, la ppermetta l-uzu lil terzi, jew xort`ohra. Fi kliem semplici : qatt ma kellu x`jaqsam mal-art mertu ta` din il-kawza.

Accertati l-fatti, il-Kummissarju tal-Artijiet (illum l-Awtorita` tal-Artijiet) ma jistax jigi ordnat jizgombra mill-art tal-atturi, peress li qatt ma kien fil-pussess tal-art.

**c)** **<u>Il-Kunsill Lokali ta` Hal Qormi</u>**.

Irrizulta illi d-Dipartiment ta` l-Artijiet - sa mit-18 ta` Frar 2002 - informa lill-kunsill lokali ta` Hal Qormi illi jekk ried art ghal *ground* zghir tal-futbol, kellu jaghmel talba tramite d-Dipartiment tal-Gvern Lokali. L-art li l-kunsill lokali applika fuqha kienet in parti tal-Gvern u in parti tal-privat. Minkejja dan, irrizulta li ma kienx hemm devoluzzjoni ta` l-art in kwistjoni a favur tal-kunsill lokali konvenut.

Il-Qorti m`ghandhiex provi li l-kunsill lokali ta` Hal Qormi kien biss qieghed jamministra l-art mertu tal-kawza ghan-nom u bl-approvazzjoni tal-Gvern Centrali, hekk kif allega (bla ma pprova) l-kunsill.

Lanqas ma ressaq provi korraborati minn rapprezentanti tad-Dipartiment ta` l-Agrikoltura jew mid-Dipartiment ta` l-Ambjent li kienu d-dipartimenti li suppost taw lill-kunsill l-amministrazzjoni ta` l-art, hekk kif allegat fl-ghaxar (10) eccezzjoni.

Dak li rrizulta mix-xhieda tas-Segretarju Ezekuttiv, huwa li kemm il-parti tal-grawnd li qabel kienet gnien kif ukoll il-parti tat-triq li wkoll taqa’ f’ din l-istess art in ezami, kienet qed tigi mantenuta mill-istess kunsill lokali.

Jinghad ukoll li minn qari tad-decizjoni esebita a fol 63 sa 78 tal-process, li l-element tal-pussess ta' l-art de qua mill-kunsill lokali konvenut kien ippruvat.

**Fil-fehma ta' l-Qorti, ghal kull ma gara fil-kaz tal-lum ma jahtu hadd hlief il-konvenuti. Ta` dan il-kunsill lokali ta` Hal-Qormi ghandu jgorr il-konsegwenzi.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tal-atturi, dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li baqghu mhux decizi bis-sentenza taghha tat-30 ta` Settembru 2014, u dwar l-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawzi, billi taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt (6) eccezzjoni tal-konvenuti, stante illi l-atturi ghamlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.**

**Tichad is-seba` (7), it-tmien (8), id-disa` (9) u l-ghaxar (10) l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5) eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza SportMalta, stante illi l-atturi ghamlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.**

**Tichad l-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza SportMalta.**

**Tilqa` r-raba` (4) eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza SportMalta.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza Awtorita` tal-Artijiet, stante illi l-atturi ghamlu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni.**

**Tichad it-tielet (3) u r-raba` (4) eccezzjonijiet tal-kjamata fil-kawza Awtorita` tal-Artijiet.**

**Tilqa` l-ewwel (1) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza Awtorita` tal-Artijiet.**

**Riferibbilment ghat-talba tal-atturi numerata wiehed (1), tordna l-izgumbrament tal-konvenuti Sindku u Segretarju Ezekuttiv, bhala rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Qormi, mill-art li tinsab delineata bil-kuluri blu u orangjo fil-pjanta Dok C – Dettall ZZ – li pprezenta l-perit tekniku Perit Valerio Schembri u li tinsab esebita a fol 250 tal-process.**

**Riferibbilment ghall-istess talba tal-atturi, tordna lill-konvenuti Sindku u Segretarju Ezekuttiv, bhala rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Qormi, sabiex sa zmien tlitt (3) xhur mil-lum, inehhu kull haga – mobbli jew immobbli – mill-art indikata skont il-paragrafu ta` qabel.**

**Tordna lill-konvenuti Sindku u Segretarju Ezekuttiv, bhala rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Qormi, sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tas-sentenza li tat fit-30 ta` Settembru 2014.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**